Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Lulju 2017
(OR. en)

11155/17

MAMA 144
CFSP/PESC 671
RELEX 642
LIBYE 7

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Lulju 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	11153/17 MAMA 143 CFSP/PESC 670 RELEX 641 LIBYE 6
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja - Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Lulju 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja, adottati mill-Kunsill fit-3557 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Lulju 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-LIBJA

Kunsill Affarijiet Barranin, 17 ta' Lulju 2017

1. L-UE għadha impenjata b'mod sħiħ favur proċess politiku inter-Libjan inklużiv u jilqa' b'sodisfazzjon il-ħatra ta' Ghassan Salamé bħala r-Rappreżentant Speċjali l-ġdid tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, li r-rwol ta' medjazzjoni tiegħu, abbażi tal-Ftehim Politiku Libjan (LPA), ser ikun ċentrali. L-UE ser tkompli tikkoopera mill-qrib mal-Missjoni ta' Appoġġ tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libja (UNSMIL) u tinkoraġġixxi lin-NU biex issaħħaħ l-isforzi tagħha biex tikkontribwixxi lejn l-istabbilizzazzjoni tal-Libja, ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali, twassal assistenza umanitarja u tappoġġa lill-Presidenza tal-Kunsill (PC) u l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali (GNA) fir-responsabbiltajiet tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Libjani kollha. L-UE tirringrazzja lil Martin Kobler għall-isforzi bla waqfien li saru matul il-mandat tiegħu.

2. Filwaqt li tfakkar fir-Riżoluzzjoni 2259 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti, l-UE ttenni l-appoġġ qawwi tagħha għall-Ftehim Politiku Libjan (LPA) u l-PC u l-GNA, immexxija mill-Prim Ministru Fayez Sarraj, stabbiliti taħt il-LPA bħala l-uniċi awtoritajiet leġittimi tal-gvern fil-pajjiż. L-UE tfaħħar l-isforzi li għaddejjin biex jissewwew id-differenzi politiċi u titlob lill-Kamra tad-Deputati u lill-Kunsill Għoli tal-Istat biex javvanzaw il-konsultazzjonijiet dwar emendi limitati lil-LPA, li jibqa' l-qafas dejjiemi biex tinstab soluzzjoni għall-kriżi tal-Libja, biex isir aktar inkluživ u biex jimplimentawh b'mod sħiħ. F'dan ir-rigward, l-UE tenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tan-nisa, tas-soċjetà ċivili u tal-atturi lokali fil-proċess politiku. Tappella wkoll lill-Assemblea għall-Abbozzar tal-Kostituzzjoni (CDA) biex tikkompleta l-mandat tagħha mill-aktar fis possibbli bl-għan li Kostituzzjoni ġdida tiġi approvata u sottomessa għal referendum, kif previst mil-LPA.

3. Il-vjolenza reċenti thedded l-istabbiltà tal-Libja. L-UE temmen li ma hemm ebda soluzzjoni għall-kriżi Libjana permezz tal-użu tal-forza. Hija tikkundanna r-retorika xewwiexa u l-attakki li wasslu għall-imwiet f'dawn l-aħħar ftit xhur. L-UE tappella lill-gruppi armati kollha biex jieqfu mill-vjolenza, jimpenjaw ruħhom għad-demobilizzazzjoni u jirrikonoxxu l-awtoritajiet inkarigati mil-LPA bħala l-uniċi li għandhom id-dritt li jikkontrollaw il-forzi tad-difiża u s-sigurtà tal-Libja. In-negozjati għandhom iwasslu biex jingħaqdu l-forzi Libjani mir-reġjuni kollha biex tinbena arkitettura tas-sigurtà nazzjonali taħt kontroll ċivili li tkun kapaċi teżerċita kontroll fuq il-fruntieri u tiġġieled it-terroriżmu, il-proliferazzjoni tal-armi, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, u terġa' tistabbilixxi s-sigurtà fil-pajjiż kollu. L-UE tilqa' l-iżviluppi pożittivi li saru fir-rigward tal-Gwardja Presidenzjali.

4. L-UE tikkundanna l-ksur ripetut tal-embargo tan-NU fuq l-armi u tħeġġeġ lill-membri kollha tal-komunità internazzjonali biex jirrispettaw b'mod sħiħ l-ordni legali internazzjonali, ir-riżoluzzjonijiet tal-KSNU u l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Libja, u biex jappoġġaw b'mod konġunt il-medjazzjoni tan-NU. L-UE tfakkar ukoll fl-obbligu tal-Libja biex tikkoopera b'mod sħiħ mal-Qorti Kriminali Internazzjonali f'konformità mar-Riżoluzzjoni 1970 tal-KSNU.

5. L-UE tiddeplora l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li baqgħu jsiru u l-ksur tal-liġi umanitarja internazzjonali u tinsab imħassba dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-Libja, fejn 1.3 miljun persuna jeħtieġu l-għajnuna. Hija tappella biex l-organizzazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja jkollhom aċċess bla xkiel għall-persuni fil-bżonn u biex jiġi rrispettat id-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE tissottolinja wkoll il-ħtieġa li tintemm l-impunità u li jiġu promossi miżuri biex il-vittmi ta' kull forma ta' sfruttament, irrispettivament mill-istatus tagħhom, jiġu protetti mill-vjolenza u tiġi żgurata l-assistenza u l-protezzjoni għalihom, u titlob li d-donaturi jagħtu aktar appoġġ biex jgħinu biex jintlaħqu l-ħtiġijiet umanitarji tal-popolazzjoni milquta mill-konflitt.

6. L-UE tilqa' l-isforzi mill-pajjiżi ġirien u l-organizzazzjonijiet reġjonali biex jappoġġaw il-ħidma tan-NU. L-UE tikkontribwixxi għal dawn l-isforzi, anke permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fil-Kwartett tal-Libja (UE, NU, UA, Lega Għarbija), li l-membri tiegħu qablu li jżidu l-impetu tal-proċess politiku fil-laqgħat tagħhom tat-18 ta' Marzu fil-Kajr u t-23 ta' Mejju fi Brussell. Huwa essenzjali li l-isforzi reġjonali u internazzjonali kollha jkunu kkoordinati tajjeb u li s-sħab internazzjonali kollha jikkooperaw biex tiġi żgurata soluzzjoni rapida għall-kriżi Libjana.

7. L-UE tilqa' ż-żieda reċenti fil-produzzjoni taż-żejt u tistieden lill-gvern u lin-National Oil Company biex ikomplu jiżguraw li l-ġid iġġenerat miż-żejt jiġi sfruttat għall-benefiċċju tal-Libjani kollha. Hija tikkundanna t-tentattivi kollha biex iż-żejt mhux maħdum jiġi esportat b'mod illegali, inkluż iż-żejt u l-prodotti taż-żejt raffinat, minn entitajiet li ma jaqgħux taħt l-awtorità tal-GNA, u ttenni l-impenn tagħha biex tinforza r-riżoluzzjonijiet tal-KSNU dwar din il-materja. Hija tħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Libjani kollha, inkluż dawk finanzjarji u ekonomiċi, biex jaċċettaw l-awtorità unika tal-GNA. Hija tistieden lill-awtoritajiet Libjani biex jimplimentaw ir-riformi finanzjarji, monetarji u fiskali maqbula fid-Djalogu Ekonomiku u promossi mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali sabiex tiġi evitata kriżi ekonomika aktar serja, titnaqqas il-ħela fl-infiq pubbliku u jitwasslu aħjar is-servizzi bażiċi b'rispons għall-aktar ħtiġijiet urġenti tal-poplu Libjan. L-UE tirrikonoxxi wkoll l-importanza li jingħata appoġġ lill-muniċipalitajiet għall-forniment tagħhom ta' servizzi essenzjali liċ-ċittadini Libjani.

8. L-UE għadha mħassba dwar it-theddida kontinwa tat-terroriżmu fil-Libja u tappella għal sforzi kontinwi sabiex il-Libja tingħata appoġġ fil-ġlieda kontra din it-theddida. Hija tappella lil-Libjani kollha biex jingħaqdu kontra t-terroriżmu, tissottolinja l-importanza tal-prevenzjoni u ttenni l-appoġġ tagħha għal-Libja fil-ġlieda tagħha kontra r-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu.

9. L-UE tinsab imħassba serjament dwar il-kuntrabandu u t-traffikar li jgħaddi mil-Libja – ta' migranti, armi, drogi u prodotti taż-żejt. Dawn l-attivitajiet illegali qed ifixklu l-isforzi biex jerġa' jiġi stabbilit l-ordni pubbliku u jikkostitwixxu theddida għal-Libja u l-ġirien tagħha. L-UE u l-Istati Membri qed jaħdmu mal-awtoritajiet Libjani biex ifixklu dawn l-attivitajiet illegali, permezz tal-ħidma tagħha mal-gwardji tal-fruntieri u tal-kosta u l-isforzi tagħha flimkien mal-komunità internazzjonali fil-ġlieda kontra n-netwerks kriminali li japprofittaw mill-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin. Il-kwistjoni tal-migrazzjoni irregolari għadha ta' tħassib partikolari.

L-UE ser tappoġġa lil-Libja biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha biex tikkontrolla l-fruntieri tagħha, inkluż fin-Nofsinhar, f'konformità mad-Dritt Internazzjonali, flimkien mal-isforzi iktar ġenerali tal-UE biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu sabiex titnaqqas b'mod sinifikanti l-pressjoni migratorja fuq il-fruntieri tal-art tal-Libja u ta' pajjiżi ġirien oħra. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel, inkluż permezz tal-kontributi tal-missjonijiet tal-PSDK u appoġġ finanzjarju għall-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel. L-UE ser tkompli timpenja ruħha u tipprovdi appoġġ biex tissaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri tal-baħar kif ukoll dawk tal-art mill-Awtoritajiet Libjani.

10. Filwaqt li jissottolinja l-importanza taż-żewġ missjonijiet, il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzon it-tiġdid tal-mandat tal-EUBAM Libya u dalwaqt ser tiddeċiedi dwar it-tiġdid ta' Operazzjoni Sophia. Dawn il-missjonijiet jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE, l-istrateġija komprensiva tal-UE dwar il-migrazzjoni fuq ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali u r-riforma tas-settur tas-sigurtà fil-Libja. F'konformità mal-mandat ewlieni tagħha, hemm il-ħsieb li Operazzjoni Sophia tkompli tfixkel il-mudell kummerċjali ta' fuq il-baħar tal-faċilitaturi tad-dħul klandestin u tat-traffikanti f'konformità mad-Dritt Internazzjonali, appoġġata b'mod partikolari mit-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Flotta Navali Libjana li jinkludi taħriġ dwar id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, id-Drittijiet tal-Bniedem u kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Kunsill jilqa' d-deċiżjoni li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ imfassal biex jivvaluta l-effettività tat-taħriġ. Barra minn hekk, hemm il-ħsieb ukoll li Operazzjoni Sophia tkompli tiskoraġġixxi l-kuntrabandu tal-armi u ttejjeb il-ġbir tal-intelligence fir-rigward tat-traffikar illegali u l-kuntrabandu aktar ġenerali, ukoll f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni 2326 tal-KSNU, u b'hekk tikkontribwixxi għat-titjib ġenerali tas-sigurtà marittima fil-Mediterran Ċentrali, permezz tal-kondiviżjoni tal-intelligence rilevanti mal-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) aġenzija. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-ġenerazzjoni ta' forza suffiċjenti u f'waqtha biex l-Operazzjoni Sophia tkun tista' twettaq il-mandat tagħha.

L-EUBAM Libya ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod progressiv mal-awtoritajiet Libjani għall-ġestjoni tal-fruntieri u tassistihom, inkluż fin-Nofsinhar tal-Libja, fl-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali u ser tippjana għal missjoni ċivili tal-PSDK possibbli fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, filwaqt li tikkoopera mill-qrib mal-UNSMIL u tikkontribwixxi għall-isforzi tagħha. Hija ser tkompli taħdem lejn l-istabbiliment ta' preżenza żgħira fi Tripli, bil-kundizzjoni li jkun hemm fis-seħħ arranġamenti xierqa ta' sigurtà.

L-UE tibqa' impenjata biex tkompli tfixkel il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin u t-traffikanti tal-bnedmin. F'dan ir-rigward, l-UE llum qablet ukoll li tintroduċi restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn il-Libja ta' ċerti prodotti li jistgħu jintużaw biex jiffaċilitaw il-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari dingis u magni outboard. L-UE ser tqis kif ir-restrizzjoni tal-aċċess għall-prodotti msemmija minn faċilitaturi u traffikanti tista' tiġi estiża lil hinn mill-UE.

11. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha lejn il-miżuri restrittivi eżistenti. Hija ttenni r-rieda tagħha li tirrevokahom jekk il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom ma jibqgħux jiġu sodisfatti u li tintroduċi miżuri ġodda kontra individwi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-pajjiż, inkluż permezz tal-impediment jew id-dgħufija tat-tlestija b'suċċess tat-transizzjoni politika tal-Libja. B'mod simili, l-UE hija lesta li tieħu azzjoni kontra dawk li huma responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, l-UE hija lesta li teżamina l-possibilitajiet biex testendi l-miżuri restrittivi wkoll għal dawk li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' bnedmin u t-traffikanti ta' bnedmin.

12. Il-Kunsill jilqa' l-preżentazzjoni tal-"Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar miżuri biex jingħata appoġġ lill-Italja, tonqos il-pressjoni tul ir-Rotta tal-Mediterran Ċentrali u tiżdied is-Solidarjetà" biex b'mod attiv jinsabu soluzzjonijiet li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-għadd dejjem jikber ta' refuġjati u migranti.

L-UE tikkundanna l-ksur u l-abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem tar-refuġjati u l-migranti u tħeġġeġ lill-awtoritajiet Libjani biex iżidu l-isforzi tagħhom biex iżidu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem tagħhom, itejbu l-protezzjoni tagħhom skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali, itejbu l-aċċess umanitarju għaċ-ċentri ta' detenzjoni għall-migranti u l-kundizzjonijiet tagħhom. L-UE tħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet Libjani biex jipprevjenu aktar imwiet fuq il-baħar, jiżguraw assistenza u konsultazzjoni adegwati, ifittxu alternattivi għad-detenzjoni u jżidu r-ritorn volontarju assistit, b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, fosthom il-migranti salvati fuq il-baħar. F'dan ir-rigward, l-UE ser tkompli tikkoopera mal-aġenziji relatati man-NU b'mod partikolari mal-IOM u l-UNHCR biex titnaqqas it-tbatija tar-refuġjati u l-migranti u tingħatalhom assistenza, u mal-UNDP, l-UNICEF u oħrajn dwar l-istabbilizzazzjoni tal-komunità.

L-UE tilqa' l-adozzjoni u l-ikkuntrattar rapidi tal-programm ta' EUR 90 miljun għal-Libja taħt it-tieqa tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika/l-Afrika ta' Fuq, li diġà qed tiġi implimentata flimkien mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tan-NU biex tissaħħaħ il-protezzjoni tar-refuġjati u l-migranti u jitrawwem żvilupp lokali għall-benefiċċju kemm tal-popolazzjonijiet lokali kif ukoll tal-migranti. L-UE ser tkompli tagħmel użu mir-riżorsi kollha disponibbli taħt it-tieqa tal-Fond Fiduċjarju għall-Afrika/l-Afrika ta' Fuq, skont l-objettivi diġà identifikati.